MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 223/1994/1

**Mario Blackman**

**vs**

**Avukat Dottor Giannino Caruana Demajo u Mario Grech ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Middle Sea Insurance Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Frar 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi s-socjeta konvenuta permezz ta' Polza ta' Assigurazzjoni numru 0024151020389, gia Nru 0021091020389, (Fire and Full Perils) assigurat "inter

alia” l-“istock and materials in Trade proprieta jew fir-responsabilita tal-assigurat, l-attur, li jikkonsistu f’ladies’ u children’s wear, dment li dawn ikunu fil-fond kopert bl-istess polza, u cioe’ “Elegance Boutique”, 679, High Street, Hamrun, liema polza giet mahruga fit- 8 ta’ Frar 1989 u sussegwentement imgedda annwalment;

Illi tali Polza ta’ Assigurazzjoni fuq l-istock u l-hwejjeg hemm indikati tkopri r-riskji indikati fl-istess polza, inkluzi ‘Special Perils’ numri 2, 3, 4, 5, 6 u 7;

Illi fil-kors tal-istess polza, u specifikatament bejn it-18 u d-19 ta’ Frar 1993, minhabba l-maltlemp li laqghat l-inhawi tal-imsemmi fond, l-attur sofra diversi hsarat fl-istock u hwejjeg li kienu fl-imsemmi “Elegance Boutique”, kollox kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ai termini tal-imsemmija polza s-socjeta konvenuta, hija obbligata li thallas lill-attur l-ammont ta’ danni minnhu sofferti kawza tal-maltempata, konsistenti tali danni fil-valur tal-merkanzija u hwejjeg li gew distrutti f’tali maltempata;

Illi nonostante li s-socjeta konvenuta giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u ghall-konsegwenti hlas tad-danni sofferti mill-attur kif premess ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni, s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Talab li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta konvenuta, bhala socjeta assikuratrici, hija obbligata, ai termini tal-Polza tal-Assikurazzjoni fuq identifikata, tat-tip “Fire and Full Perils Policy”, li thallas u tirrimborsa lill-attur, il-valur ta’ danni minnu sofferti fl-oggetti u l-merkanzija hemm assikurati, li kienu jinsabu fil-fond “Elegance lBoutique” 679, High Street, Hamrun, liema merkanzija lu hwejjeg gew distrutti fil-maltemp li sehh bejn it- 18 u 19 ta’ Frar 1993;

2. Tillikwida d-danni u l-ammont ta’ hsara sofferti mill-attur, konsistenti tali danni fil-valur ta’ oggetti u merkanzija

assikurati li gew distrutti kif premess, kollox ai termini tal-imsemmija polza ta' assigurazzjoni u dana okkorrendo taht id-direzzjoni ta' periti nominandi.;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata ai termini tat-tieni domanda ta' din ic-citazzjoni.
Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti nomine ingunti personalment ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni de quo huwa null u minghajr effett skond il-ligi stante li l-informazzjoni u d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-attur sabiex tinhareg il-polza huma nkorretti u nkompleti meta l-partijiet stipulaw fl-istess kuntratt u fil-"proposal form" li tali nformazzjoni u dikjarazzjonijiet jikkostitwixxu l-bazi tal-kuntratt, kif ukoll ghaliex il-fatti li ghalihom jirreferu d-dikjarazzjonijiet huma fatti materjali li jmisshom gew kompletament u korrettement dikjarati a bazi tal-principju li kuntratt ta' assikurazzjoni jirrikjedi "uberrima fides" da parti tal-assikurat u ghalhekk il-konvenuti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-fakulta li ttihom il-ligi fl-artiklu 396 u 398 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u jippresentaw talba rikonvenzjonali f'dan is-sens;

2. Salvi eccezzjonijiet lulterjuri;

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti nomine fejn wara li ppremettew:

Illi l-kontendenti dahlu f'kuntratt ta' assikurazzjoni li permezz tieghu s-socjeta` esponenti forniet kopertura assikurativa lill-attur rigward l-"istock and meterials in Trade" mizmuma fil-fond kopert fl-istess polza u cioe "Elegance Boutique", 679 , High Street, Hamrun, liema polza inharget fit- 8 ta' Frar 1989 u ggib in-numru 0024151020389;

Illi fil-“proposal form” li ffirma l-attur qabel ma gie konkluz il-kuntratt ta’ assikurazzjoni l-attur kkonferma li l-fuq imsemmi fond fejn kien ser jinzamm dan l-istock kellu jkun bini kostruit bil-gebel u bricks tal-concrete u msaqqaf bil-concrete kif jirrizulta wkoll mill-anness Schedule li qed jigi markat Dok. X1, bil-konsegwenza li s-socjeta esponenti tat il-kunsens taghha ghall-hrug tal-polza relattiva a bazi ta’ din l-assikurazzjoni;

U li wara li l-attur ghamel il-claim relattiv mertu tat-talba tieghu l-esponenti accedew  fil-fond de quo u rrizultalhom li l-istock u meterjal kopert bil-polza kien qed jinzamm go store fil-bitha ta’ wara l-hanut li kien mibni bi pjanci u msaqqaf bi pjanci tal-“corrugated metal”;

Illi l-informazzjoni li l-attur kien lahaq ta qabel il-hrug tal-Polza kienet tirrigwarda fatti materjali li jmisshom gew korrettament dikjarati lis-socjeta istanti a bazi tal-principju ta’ “uberrima fides” li jirregola l-kuntratt ta’ assikurazzjoni u n-nuqqas tal-attur f’dan ir-rigward iwassal ghan-nullita tal-kuntratt ta’ assikurazzjoni;

Talbu li din il-Qorti, in vista tal-premess, prevja jekk ikun jehtieg, dikjarazzjoni li l-attur naqas li jaghti l-informazzjoni u fatti materjali kollha li jmisshom gew korrettement dikjarati biex iservu bhala bazi tal-kuntratt ta' assikurazzjoni u li l-bini in kwistjoni ma kienx kostruwit kif deskritt mill-istess attur:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta’ assikurazzjoni li permezz tieghu s-socjeta esponenti forniet kopertura assikurativa lill-attur maghrufa bhala “Fire and Full Perils Policy”, numru tal-Polza 0021091020389 hija nulla u minghajr effett skond il-ligi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti nomine fejn qal:

Illi t-Talba Rikonvenzjonali tal-konvenuti nomine hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-polza mahruga minnhom favur l-attur hi polza valida u l-attur eccipjenti hu intitolat li jigi indennizzat skond l-istess polza;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-6 ta' Gunju 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali debitament mahlufa fl-24 ta' Mejju 2000;

Rat in-nota ta' kritika ta' l-attur u n-nota responsiva tal-konvenuti nomine;

Rat in-noti ulterjuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-attur jiggestixxi hanut bl-isem ta' "Elegance Boutique" f'numru 679 High Street, Hamrun. Huwa kien assigura l-hanut mas-socjeta` konvenuta tramite l-broker certu Frank Fenech managing director tal-Melita Insurance. L-attur ghamel *claim* fl-1993 wara hsara li sofra f'tapit u hwejjeg minhabba maltemp li kien hemm bejn it-18 u d-19 ta' Frar 1993. Is-socjeta` konvenuta rrifjutat il-*claim* peress li qed issostni li l-attur kien ghamel dikjarazzjoni skorretta dwar il-bini tal-fond.

Fl-Iskeda annessa mal-polza ta' assigurazzjoni (Dok. A) jirrizulta li l-bini gie deskritt testwalment hekk:

"The Buildings constructed of brick and stone and roofed with concrete …."

Irrizulta li l-hsara li grat lill-attur sehhet f'parti mill-hanut li hija msaqqfa b'*corrugated sheeting*. Issa huwa minnu li Alfred Gatt, claims manager mas-socjeta` konvenuta, xehed li qabel il-kawza qatt ma ssemmiet id-diskrepanza li kien hemm fil-proposal bejn il-kostruzzjoni tas-saqaf ma' l-

istat fattwali ta' l-istess saqaf. Dan ma jfissirx li s-socjeta` konvenuta ma tistax titlob dikjarazzjoni fis-sens li l-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni hija nulla, u kemm-il darba tali talba tigi akkolta jfisser li l-polza titqies nulla *ab initio*.

Frank Fenech xehed li l-proposal form imtliet fil-hanut ta' l-attur. Qal li meta ssir deskrizzjoni tal-proprjeta`, din tkun tirreferi in generali ghall-parti principali tal-bini u ma jidhlux fid-dettalji kolla tal-bini. Il-klijent jaghti d-dettalji u sakemm ma jinfurmahomx b'xi affarijiet anormali, jehduha li l-kondizzjoni tal-bini hi wada adegwata u sodisfacenti. Meta l-klijent ighid li qatt ma kellu claims fuq dak il-fond u ghall-perikli nxurjati, jassumi li verament il-klijent hu in buona fede u li m'hemmx anomaliji. Kompla jghid li l-attur ma uriex il-hanut kollu u qaghad biss fuq id-deskrizzjoni li tah u li seta' jara; fil-parti ta' wara tal-hanut l-attur ma dahhlux. Ma dahalx pero` ghax ma talabx hu u mhux ghax gie prekluz.

L-attur ikkonferma li l-proposal form imtliet fil-hanut izda qal li Frank Fenech kien spezzjona wkoll il-kmamar ta' wara. Il-parti ta' wara separata minn dik ta' quddiem permezz ta' *partition*. Huwa kien ha l-hanut fl-istess stat u kemm kien ilu assigurat qatt ma kien ghamel *claim*. Meta dahallu l-ilma cempel lil Frank Fenech u l-ghada marret Joanne Borg mill-claims department tas-socjeta` konvenuta. Hi qaltlu li mhux suppost kellhom problema u li kienet ser iccempel jumejn wara. Fil-fatt jumejn wara cemplet u talbitu s-*salvage price* tal-hwejjeg. Hu taha s-*salvage price* izda sussegwentement gie nfurmat li l-*claim* gie rifjutat.

Joanne Borg xehdet li kienet ghamlet *survey* fil-hanut ta' l-attur wara l-*claim* li ghamel ma' Frank Fenech. Qalet li kien jidher li dahallu xi ilma fi *storeroom* fuq wara. L-ilma kien dahal minn bejn *sheets* tal-*corrugated roofing*. Ziedet tghid li l-bolts li kienu jzommu dan ix-*sheeting* flimkien msadda u li ma kinux mwahhlin ma' xulxin. Irrifjutaw il-*claim* peress li kkonkludew, wara konsultazzjoni mal-perit taghhom dwar rapport tal-perit ta' l-attur u wara li ottjenew rapport meterjologiku, li l-hsara ma gratx b'konsegwenza ta' maltemp.

Kif jista' jigi notat, hemm diskrepanza bejn dak li xehed l-attur u dak li xehed Frank Fenech dwar jekk Fenech dahalx fil-parti ta' wara tal-hanut jew le. Jekk Fenech fil-fatt dahal fuq wara u ra l-*corrugated sheeting* u fil-*proposal form* ma sarx accenn ghalih, jista' jezonera lill-attur mir-responsabilita` dwar id-dikjarazzjoni minnu ffirmata?

E.R. Hardy Ivamy[1] ighid *'The proposal form shows the terms on which he* [proposed assured] *is willing to contract, and if the offer is accepted, he cannot insist on having an insurance differing in its terms from those specified in the proposal'.* B'hekk il-*proposal form* tiehu aspett importanti fil-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni.

Fil-*proposal form* li ffirma l-attur fit-8 ta' Frar 1989, u li kopja taghha tinsab esebita bhala Dok. D, l-istess indika li l-hitan esterni tal-fond kienu kostruwiti bil-gebel u s-saqaf permezz tal-konkos. Imbaghad il-polza ta' assikurazzjoni Dok. A inharget abbazi ta' din id-dikjarazzjoni ta' l-attur, cioe` ta' dak li gie dikjarat fil-*proposal form.*

Fl-istess *proposal form* l-attur iddikjara li *'the above information and statements are, to the best of my/our knowledge and belief, correct and complete … If the answers to all or any of the above questions have been written by others at my/our dictation or instruction, I/we confirm that I/we have read those answers and that they are correct'*. U allura b'hekk lanqas jista' l-attur jippretendi li din imtliet mill-*broker* u hu ma kienx konxju ta' dak li gie miktub u konsegwentement li jippretendi wkoll li ma jistax jinzamm responsabbli ghal dak li tnizzel. Ara per ezempju **Joseph Mamo vs Joseph Grech et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ottubru 2002.

Imbaghad f'kaxxa b'ittri izghar fil-*proposal form* wara tali dikjarazzjoni msemmija hemm miktub twissija dwar il-konsegwenzi fin-nuqqas ta' ndikazzjoni tal-fatti rilevanti u cioe` *'Any other facts known to you which are likely to*

---

[1] *General Principles of Insurance Law,* 5th ed. Butterworths

*affect acceptance or assessment of the risks proposed for insurance must be disclosed. Should you have any doubt about what you should disclose, do not hesitate to tell us or your insurance adviser. This is for your own protection, as failure to disclose may mean that your policy will not provide you with the cover you require, or may perhaps invalidate the policy altogether'*.

Ukoll fil-polza ta' assikurazzjoni hemm klawsola dwar *Misdescription* taht it-titolu *Conditions*:

"If there be any material misdescription of any of the property hereby insured or of any building or place in which such property is contained or any misrepresentation as to any fact material to be known for estimating the risk or any omission to state such fact the Company shall not be liable upon this Policy so dar as it relates to property affected by any such misdescription misrepresentation or omission".

Ghalhekk jirrizulta li l-obbligazzjoni ta' *uberrima fides* fuq l-attur kienet cara.

L-origini ta' dan il-principju nsibuh fil-ligi Ingliza. Fis-sentenza citata mill-perit legali, **Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Jannar 1952 (Vol.XXXVI.iii.610), dik il-Qorti qalet li "hu risaput li l-kuntratt ta' l-assikurazzjoni hu 'uberrimae fidei', u ghandha ghalhekk issir mill-assikurat lill-assikuratur 'complete disclosure' ta' kull ma jinfluwixxi fuq ir-riskju (ara Porter['s Law of Insurance], pag. 8)". Hekk ukoll fis-sentenza l-ohra citata mill-perit legali fl-ismijiet **Charles Degiorgio noe vs Austin Agius et** deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Gunju 1962 (Vol.XLVI.ii.656), intqal li "l-kuntratt ta' assikurazzjoni hu mizmum bhala wiehed tal-aqwa bwona fede, li l-proponent ghandu jaghti risposta cara specjalment dwar dettalji li jigi mistoqsi espressament fil-formola, billi dan il-fatt jistabilixxi l-prezunzjoni li d-dettalji rikjesti huma ritenuti mportanti mill-assikuratur. Anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li

hu rilevanti lill-assikuratur li jkun jaf anki jekk ma jkunx mistoqsi".

Interessanti ghal dak li jirrigwarda r-ragunament ghall-evolviment ta' dan il-principju u l-konsegwenzi li kull nuqqas jista' jgib mieghu dak li E.R. Hardy Ivamy ighid fil-kuntest tal-ligi Ingliza u cioe' *'It is a fundamental principle of insurance law that the utmost good faith must be observed by each party'* u hawn kkwota dak li kien qal Lord Mansfield, *'Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent change is to be computed, lie more commonly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation, and proceeds upon confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risque as if it did not exist. The keeping back such a circumstance is a fraud, and, therefore, the policy is void. Although the suppression should happen through mistake, without any fraudulent intention; yet still the underwriter is deceived, and the policy is void; because the risque run is really different from the risque understood and intended to be run at the time of the agreement'*[2].

X'kien mela d-dover ta' l-attur? L-imsemmi awtur ighid: *'It is the duty of the assured not only to be honest and straightforward, but also to make a full disclosure of all material facts*[3] *… The assured must disclose all material facts which are within his actual or presumed knowledge*[4] *… It extends to all material facts which he ought in the ordinary course of business to have known*[5]*'*.

Fuq l-istess dover ta' l-assikurat futur John Birds ighid *'the insured's opinion as to the materiality of non-disclosed facts is irrelevant even though he may well have acted in good faith. As has been pointed out, it is the law that a man may act in perfect good faith within the ordinary*

---

[2] *Carter v Boehm* (1766) (3 Burr 1905 at 1909)
[3] p. 120
[4] p. 122
[5] p. 123

*meaning of the phrase, yet still be held not to have acted in the utmost good faith in the legal sense[6]'.* L-istess awtur anzi jmur oltre u jaghmel riferenza ghal *'innocent non-disclosure'* bhala *'where the proposer knows the truth but does not appreciate that he should disclose the fact in question[7]'*.

Id-dover ta' l-attur b'hekk johrog car. Hu ma setax jiddikjara fil-*proposal form* li l-fond li kellu jigi assikurat kien imsaqqaf bil-konkos meta zgur li kien jaf li l-merkanzija kienet tinzamm fuq il-parti ta' wara ta' l-istess hanut tieghu f'bitha mghottija bil-*corrugated sheeting*.

In-nuqqas ta' l-attur jista' jitqies bhala nuqqas li jiddikjara "a material fact"? L-awtur E.R. Hardy Ivamy ikompli jghid: *'The test which is usually adopted is whether the non-disclosure of the facts would influence a 'prudent' insurer…'*[8] u b'riferenza ghal dak li qal Scrutton LJ fis-sentenza *Becker v Marshall*[9] meta dan ikkwota l-Marine Insurance Act u cioe` art. 18(2) li jghid *'Every circumstance is material which would influence the judgment of a prudent insurer in fixing the premium or determining whether he will take the risk'* jikkontendi li dan l-ezami kien proprju dak li kellu jigi addottat.

L-istess awtur jikkwota mis-sentenza fl-ismijiet *Mutual Life Insurance Co of New York v Ontario MetalProducts Co Ltd* [10] fejn intqal li *'It is a question of fact in each case whether, if the matters concealed or misrepresented had been truly disclosed, they would, on a fair consideration of the evidence, have influenced a reasonable insurer to decline the risk or to have stipulated for a higher premium'.* Ara wkoll fl-istess sens John Birds[11].

E.R. Hardy Ivamy jelabora fuq is-sucitat billi jelenka hames ezempji accettati bhala fatti materjali, u fosthom jindika dawk il-fatti li jesponu lill-oggett assikurat ghal

6 *Modern Insurance law* 4th ed. Sweet & Maxwell
7 Birds J. p. 99
8 p. 126
9 (1922) 12 LlL Rep 413 at 414
10 (1925) AC 344, PC
11 p. 104 u 107

periklu aktar minn normal u wkoll dawk il-fatti li jesponu lill-assikuratur ghal responsabbilita` aktar minn normal.

Fil-kaz in ezami l-attur ma jinnegax li gie mistoqsi dwar il-materjal tal-bini tal-fond, domanda li kienet importanti hafna stante n-natura tar-riskji li kienu se jigu koperti bil-polza in kwistjoni. Kien obbligu ta' l-attur li fil-*proposal form* jippreciza l-fatt li parti mill-hanut kien imsaqqaf bil-*corrugated sheeting* peress li n-natura tal-bini hu fatt materjali li jinfluwixxi fuq ir-riskju mehud u semmai l-*premium* li jista' jintalab. Li l-*corrugated sheeting* kien ilu hemm mhuwiex kontestat. L-attur stess fix-xiehda tieghu tat-13 ta' Ottubru 1998 ighid li minn mindu assigura l-fond qatt ma miss xejn fl-istruttura tal-bini.

Il-perit legali zied jaghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-assikurazzjoni accettat ir-riskju bbazat fuq il-fatt illi s-soqfa tal-fond kienu tal-concrete. L-ezami tal-materjalita` o meno hu wiehed oggettiv u l-assikurat ma jistax jeccepixxi illi kien in buona fede u ma dehrlux li fic-cirkostanzi naqas milli jiddikjara fatt li ghalih ma kellux jew ma ntebahx li kellu rilevanza ghar-riskju mehud. L-unika eccezzjoni hi fejn l-assikurat ma kienx jaf jew ma setax ikun jaf bil-fatt li rrizulta materjali li zgur mhux il-kaz prezenti. Ara f'dan is-sens Blackburn, Low and Co vs Vigors 1887. L-istess principju hu stabbilit fil-ligi dwar l-assikurazzjoni marittima fejn fl-artikolu 24(1) hemm l-obbligu tal-assikurat li jizvela dak li hu materjali u anki dak li hu prezunt li jista' jkun materjali ghall-polza".

M'hemm l-ebda dubju li l-assikurant ukoll ghandu l-obbligu tal-*buona fede*. Izda mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi waqt li l-assigurazzjoni konvenuta ma agixxietx b'dan il-mod. Kif tajjeb issottomettew il-konvenuti nomine fin-nota responsiva taghhom ghan-nota ta' kritika ta' l-attur, jekk ma jigix a konjizzjoni ta' l-assikurant xi suspett ta' *non-disclosure*, l-assikurant ghandu d-dritt li joqghod fuq id-dikjarazzjonijiet ta' l-assikurat li fuqu jinsab l-oneru li jaghti l-informazzjoni materjali shiha.

Konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti u l-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni tigi dikjarata nulla.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici kif ukoll l-eccezzjoni ta' l-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali, tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali u l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-attur naqas milli jaghti l-informazzjoni u fatti materjali kollha li jmisshom gew korrettement dikjarati biex iservu bhala bazi tal-kuntratt ta' assikurazzjoni u li l-bini in kwistjoni ma kienx kostruwit kif deskritt mill-istess attur,
(2) tiddikjara li l-kuntratt ta' assikurazzjoni li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta forniet kopertura assikurativa lill-attur maghrufa bhala "Fire and Full Perils Policy" numru tal-polza 0021091020389 hija nulla u minghajr effett skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------